MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 154/2007

Il-Pulizija
(Spt. A. Cassar)

Vs
Milovan Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
a. fil-garaxx numru 56, Triq ic-Culqana, Haz Zabbar nhar il-Gimgha, disgha ta’ Dicembru 2005, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja t’ohtu minorenni Deandra Camilleri minn Haz Zabbar, f’perikolu car, hebb ghaliha u taha diversi daqqiet ta’ ponn u/jew b’oggett iebes go rasha u fuq wiccha, fejn permezz t’hekk, ikkagunalaha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha u cioe’ f’wiccha, liema offiza hija ta’ natura gravi per durata u liema ferita gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc taghha skond kif iccertifika Doctor M. Grima mit-Taqsima tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa;

b. bla ordni skond l-ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil istess ohtu minorenni Deandra Camilleri kontra l-volonta’ taghha;

c. f’Haz Zabbar tul dawn l-ahhar sentejn, f’diversi hinijiet tal-gurnata u b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, sawwat ripetutament lil istess ohtu minorenni Deandra Camilleri u taha diversi daqqiet ta’ ponn fuq diversi partijiet ta’ gisimha fejn b’konsegwenza ta’ hekk, ikkagunalha offiza ta’ natura gravi per durata fuq il-kappell t’ghajnejha kif wkoll diversi feriti ohra ta’ natura hafifa.

d. kiser volontarjament l-bon ordni w il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, glied jew b’mod iehor;

e. ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 t’April, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 18, 221, 338(dd), 339(b), 31, 17(c), 20, 30, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellant hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi per durata pero' sabitu hati li kkawza ferita ta' natura hafifa nhar id-29 ta' Dicembru, 2005 u fiz-zmien ta' sentejn qabel din id-data, kif ukoll talli kiser il-bon ordni bi glied u li ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur komplessivament ghal akkuzi l-ohra li taghhom sabitu hati.
Ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti kkundannatu jhallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta’ Dr. Eileen Borg fl-ammont ta’ sittin lira w hamsa w ghoxrin centezmu (LM60.25) u dan fi zmien xahrejn, u fin-nuqqas dan l-ammont jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hames (5) liri dovuta.

Ordnat ulterjorment li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Agenzija Appogg kif ukoll lil Ministru ghal Akkomodazzjoni Socjali bil-ghan li tinstab akkommodazzjoni alternattiva ghal vittma f’dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 t’April, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati talli kkaguna ferita ta’ natura gravi per durata fuq Deandra Camilleri, tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena, billi tinfliggi kwalsiasi piena li jidhrilha xierqa, idoneja w gusta ghajr piena karcerarja, alternattivament tnaqqas konsiderevolment il-piena karcerarja inflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma li l-piena kienet wahda eccessiva w sproporzjonata w kien hemm fatturi li ma ttiehdux in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti jew ma inghatawx il-piz li jixirqilhom jew gew skartati jew injorati. Di fatti l-appellant ghandu fedina penali netta w dan ghandu jig rifless fil-piena w mhux idoneju li titfa' "*first time offender"* f' halq il-lupu fil-Facilita' Korretiva ta' Kordin. F' kazijiet bhal dawn tinghata sentenza sospiza. L-appellant iccita diversi sentenzi in sostenn ta' din it-talba tieghu. Bil-fatt li l-Ewwel Qorti erogat piena komplessiva, l-appellant gie priv parzjalment mid-dritt tal-appell ghaliex ma jafx x' piena giet inflitta ghall-liema reat u jew kontravvenzjonijiet. Dan jassumi proporzjonijiet akbar meta wiehed jezamina l-artikolu 221 (1) tal-Kodici Kriminali li jistabilixxi massimu ta' tlitt xhur prigunerija ghall-offiza ta' natura hafifa. Id-diskrezzjoni li uzat l-Ewwel Qorti bl-artikolu 18 lanqas ma kienet tassattiva. Barra min hekk l-art. 18 ma ghandux japplika ghax in-natura, x-xorta w l-fattispecje tar-reat ta' offiza ta' natura hafifa necessarjament jeskludu l-ezistenza ta' reat kontinwat. Li dan ma kienx kaz kif donnu iddeskrivietu l-Ewwel Qorti ta' persuna sadista illi xtaq jaghmel certu deni lill-ohrtu. In fatti l-agir tal-appellant kien wara provokazzjoni persistenti t' ohtu w hu tilef il-kontroll tat-temperament tieghu w dan jixbah il-komportament ta' xi hadd li jikkommetti reat b'

passjoni istantanja  jew agitazzjoni tal-mohh ai termini tal-art. 227( c ).

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-parte civili Deandra Camilleri u lill-Avukat Difensur taghha Dr. Elaine Ellul, li baqghet tinsisti ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena komplessiva erogata mill-Ewwel Qorti wara li sabet lill-appellant hati ta' reat kontinwat ta' kkagunar t' offizi ta' natura hafifa fuq ohtu Deandra Camilleri, (l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna ma inghatatx mill-Avukat Generali fir-rinviju li baghat bl-artikoli fil-15 ta' Marzu 2006 - fol. 75), ksur tal-buon ordni b' ghajjat u glied u li hareg barra mill-qies ghad li kellu jwiddeb lil haddiehor.

Illi din il-Qorti tirritjeni li f’materia ta’ piena normalment ma tindahalx fi u ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-ewwel Qorti li tkun semghet u ivvalutat il-provi traskritti u tkun ghamlet l-apprezzament taghha dwar il-grad ta’ htija tal-akkuzat u tal-piena adegwata xierqa skond il-kaz, sakemm tali piena ma tkunx tohrog barra mill-parametri tal-ligi u tkun manifestament sproporzjonata.

Illi jibda biex jinghid li ma sar xejn irregolari filli l-Ewwel Qorti erogat piena komplessiva ta' sitt xhur prigunerija ghad-diversi reati li taghhom sabet htija fl-appellant. Dan hu normalissimu w jirraprezenta r-regola w mhux l-eccezzjoni, partikolarment fejn ikun hemm htija ta' delitti w mhux kontravvenzjonijiet biss u huwa pjenament in regola ma dak li jiddisponi l-artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali , li jippreskrivi li fejn il-hati jinstab hati ta' delitt wiehed jew aktar u ta' kontravvenzjonijiet, jigi kundannat biss ghall-piena stabbilita ghad-delitti jew ghall-konkors ta' delitti jekk il-piena li jmissha tinghata ghad-delitti ma tkunx inqas

minn tlitt xhur prigunerija. Ghalhekk f' dan il-kaz il-piena komplessiva erogata kienet dik ghad-delitt ta' reat kontinwat ta' offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna t' ohtu w ma tinghatax piena ghar-reati l-ohra li taghhom instab hati l-appellant li huma ta' natura kontravvenzjonali.

Il-piena ghall-offizi ta' natura hafifa skond l-artikolu 221 u 222 (1) (a) tal-Kodici Kriminali fuq l-oht minn massimu ta' tlitt xhur prigunerija tizdied bi grad ghal-massimu ta' sitt xhur u jekk ghal dar-reat jigi applikat l-artikolu 18, din il-piena tista' addirittura tizdied b' zewg gradi ohra ghal-massimu ta' sena prigunerija. Ghalhekk l-appellant ghar-reati li taghhom instab hati seta jehel massimu ta' sena prigunerija. Certament ghalhekk il-piena erogata kienet entro l-parametri tal-ligi w l-appellant kieku ghamel dawn il-kalkoli wahdu kien ikun jaf ezatt ta' x' hiex gie kunndannat ghal sitt xhur prigunerija w ma kienx ihoss li gie priv minn xi dritt ta' appell kif qed jallega b' mod manifestament infondat.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant qed jaghmel talba ghall-bidla ta' piena karcerarja effettiva ghal wahda sospiza w qed jadduci diversi ragunijiet. Certament ladarba l-appell tieghu gie limitat ghall-piena din il-Qorti hija prekluza milli tidhol f' konsiderazzjonijiet jekk ir-reati gewx provokati jew jekk ikkommetihomx taht l-influwenza ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh kif qed donnu jippretendi l-appellant.

Li din il-Qorti tara li ghandu certa rilevanza pero' hu il-fatt li l-appellant ghandu kondotta netta w li hu "*first time offender*" u li necessarjament xi darba jew ohra ser ikollu jiltaqa' mall-vittma ripetutament fil-futur minhabba r-relazzjoni familjari taghhom. B' sentenza ta' prigunerija, l-appellant wara erba xhur jerga' jkun liberu w x' aktarx ser jerga' jigi in kuntatt ma ohtu b' sense ta' *grievance* ghax hu mar l-habs minhabba fiha. Dan  zgur mhux ser jghin biex jitjiebu r-relazzjonijiet familjari tal-vittma ma huha w mal-genituri taghha, li kif fehmet din il-Qorti aktar

jiffavorixxu lill-appellant milli lill-ohtu huma x' inhuma r-ragunijiet ghal dan.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti trid tassikura l-inkolumita' futura tal-vittma ghall-itwal zmien possibbli w taccerta ruha li l-appellant b' ebda mod ma jerga' jerfa' idejh fuq ohtu, haga li zgur qatt ma jista' jkollu dritt li jaghmel.

Ghalhekk wara li rriflettiet fit-tul fuq l-ahjar triq li tista' tkun ta' gid ghall-vittma u fl-istess waqt tiehu in konsiderazzjoni l-kondotta netta precedenti tal-appellant, tara li jkun fl-interess ta' kullhadd li l-piena karcerarja erogata mill-Ewwel Qorti tkun u tibqa' sospiza ghall-itwal zmien possibbli ta' erba snin. Din il-Qorti xtaqet kieku setghet timponi ukoll ordni ta' supervizzjoni skond l-artikolu 28G (1) ghall-periodu kollu ta' erba snin mill-lum, b' kondizzjonijiet rigidi, izda hija prekluza milli taghmel dan peress li s-sentenza erogata mill-Ewwel Qorti ma hix aktar minn sitt xhur prigunerija.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati li kkaguna ferita ta' natura gravi per durata, u fejn sabitu hati li kkawza feriti ta' natura hafifa nhar id-disgha w ghoxrin ta' Dicembru, 2005, u fiz-zmien ta' sentejn qabel din id-data, kif ukoll talli kiser il-buon ordni bi glied u li ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies kif ukoll fejn ikkunndannatu ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija w fejn ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez kollha involuti fil-hatra tal-espert tal-Qorti fl-ammont ta' sittin lira Maltin u hamsa w ghoxrin centezmu (LM60.25c) u dan fi zmien xaharejn u fin-nuqqas dan l-ammont jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata prigunerija ghal kull hames liri (LM5) dovuti, u ma dan pero' zzid li din il-piena karcerarja m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba snin mill-lum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

It-terminu ta' xaharejn ghall-hlas tal-ispejjez peritali jibda jiddekorri mil-lum.

Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-appellant ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu ta' erba snin reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Finalment il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligu tieghu skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------